MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 660/2008

FIMbank plc
vs
Rablo Export Limited u Paul Borg Barthet u Angela Borg Barthet

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Vincent Valletta, bhala rappresentant awtorizzat tas-socjeta` FIMbank plc li bih ippremetta:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata Rablo Export Limited fis-somma ta’ seba u ghoxrin elf u seba’ mija u sitt Dollaru Amerikan (USD27,706) ekwivalenti ghal sbatax-il elf hames mija u disa’ u sebghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€17,579.95) bhala kapital lilha mislufa, oltre l-ammont ta’ tliet mija u hamsa u disghin Dollaru Amerikan u wiehed u disghin *cents* (USD395.91) ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu

(€251.21) bhala imghaxijiet pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati sad-data ta' dan ir-rikors, u dana in forza ta' *overdraft facility letter* datata 13 ta' Novembru, 2007, annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok A;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti hija wkoll kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta' mija u ghoxrin elf Dollaru Amerikan (USD120,000) ekwivalenti ghal sitta u sebghin elf, mija u tnejn u erbghin Ewro u tlettax-il centezmu (€76,142.13) bhala kapital u s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf tmienja u sebghin Dollaru Amerikan u erba' u tmenin *cents* (USD24,078.84) ekwivalenti ghal hmistax-il elf, mitejn u tmienja u sebghin Ewro, hamsa u erbghin centezmu (€15,278.45) bhala imghaxijiet pattwiti liema flus gew avvanzati a tenur ta' *factoring agreement* datat 12 ta' Marzu, 2007 kopja annessa mar-rikors u immarkata Dok B;

3. Illi l-intimati, il-konjugi Borg Barthet, permezz ta' skrittura tat-13 ta' Novembru, 2007, ikkostitwew irwiehom garanti solidali bejniethom u mal-istess socjeta` obbligazzjonijiet ta' pagament ta' l-istess socjeta` intimata favur ir-rikorrenti, sal-ammont ta' sebghin elf Dollaru Amerikan (USD70,000) ekwivalenti ghal erbgha u erbghin elf, erbgha mija u sittax-il Ewro, erbgha u ghoxrin centezmu (€44,416.24), kopja annessa mar-rikors u immarkata Dok PG;

4. Illi dawn il-facilitajiet bankarji gew irtirati mis-socjeta` rikorrenti permezz ta' ittra tat-22 ta' April, 2008 mibghuta lill-intimati kollha, dokument anness mar-rikors u immarkat Dok C;

5. Illi mitluba li jhallsu dawn l-ammonti, l-intimati baqghu inadempjenti;

6. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li l-intimati m'ghandhom l-ebda difiza xi jressqu kontra t-talbiet rikorrenti u gie anness mar-rikors affidavit u mmarkat Dokument VV;

7. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta` rikorrenti talbet li l-Qorti joghgobha:

a) Tisma’ u tiddeciedi dina l-kawza b’dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

b) tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma globali kapitali ta’ mija u sebgha u erbghin elf u sebgha mija u sitt Dollari Amerikani (USD147,706) ekwivalenti ghal tlieta u disghin elf, seba’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tmien centezmi (€93,722.08) bhala kapital lilha misluf u avanzat, oltre l-ammont ta’ erbgha u ghoxrin elf u erba’ mija u erbgha u sebghin Dollaru Amerikan u hamsa u sebghin *cents* (USD24,474.75) ekwivalenti ghal hmistax-il elf hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u sitta u sittin centezmu (€15,529.66) bhala imghaxijiet pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati sal-presentata ta’ dan ir-rikors, u cioe` l-ekwivalenti ta’ dawn is-somom fil-munita Ewro;

c) a tenur tal-garanzija personali taghhom, tikkundanna lill-intimati konjugi Borg Barthet in solidum bejniethom u mas-socjeta` intimata li jhallsu sebghin elf Dollaru Amerikan (USD70,000) ekwivalenti ghal erbgha u erbghin elf, erba’ mija u sittax-il Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€44,416.24), u cioe` l-ekwivalenti ta’ dawn is-somom fil-munita Ewro;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestri numri 703 u 704 tas-sena 2008 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-presentata ta’ dan ir-rikors sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Vincent Valletta</u> li fih issemma li s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata

Rablo Export Limited fis-somma ta’ $27,706 bhala kapital lilha misluf, oltra l-ammont ta’ $395.91 bhala imghaxijiet pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati sad-data tar-rikors odjern, u dan in forza ta’ *overdraft facility letter* datata 13 ta’ Novembru, 2007. Illi s-socjeta` rikorrenti hija wkoll kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta’ $120,000 bhala kapital u s-somma ta’ $24,078.84 bhala imghaxijiet pattwiti, liema flus gew avvanzati a tenur ta’ *factoring agreement* datat 12 ta’ Marzu, 2007. Illi l-intimati, il-konjugi Borg Barthet, permezz ta’ skrittura tat-13 ta’ Novembru, 2007, ikkostitwew irwiehom garanti solidali bejniethom u mal-istess socjeta` obbligazzjonijiet ta’ pagament ta’ l-istess socjeta` intimata favur ir-rikorrenti, sal-ammont ta’ $70,000. Illi dawn il-facilitajiet bankarji gew irtirati mis-socjeta` rikorrenti permezz ta’ ittra tat-22 ta’ April, 2008 mibghuta lill-intimati kollha, li mitluba li jhallsu dawn l-ammonti, baqghu inadempjenti.

Xehdet Roberta Peresso, *Legal Counsel* mas-socjeta` rikorrenti u qalet li minn meta minn meta giet intavolata c-citazzjoni sal-lum ma saru l-ebda depoziti u l-bilanc baqa’ l-istess hlief ghal xi interessi li ovvjament baqghu jakkumulaw.

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ l-intimat Paul Borg Barthet f’ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta` intimata.

Dr. Muscat Azzopardi iddikjara li fi zmien ghaxart ijiem kien ser jipprezenta nota ta’ ammissjoni ta’ Angela Borg Barthet, liema nota pero` sal-lum ghadha ma gietx prezentata.

Illi nonostante li kienet saret it-talba ghall-applikazzjoni ta’ l-artikoli 167 ***et*** tal-Kap 12 il-Qorti semghet il-provi li tressqu mill-partijiet. Angela Borg Barthet la dehret u anqas ressqet ebda prova.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta’ Paul Borg Barthet kemm f’ismu personali kif ukoll ghan-nom ta’ Rablo Export Limited, kif ukoll fin-nuqqas ta’ provi da parti ta’ l-intimata Angela Borg Barthet, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru

gustifikati u l-Qorti wara li rat il-provi dwar it-talbiet rikorrenti, qed tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma globali kapitali ta’ mija u sebgha u erbghin elf u sebgha mija u sitt Dollari Amerikani (USD147,706) ekwivalenti ghal tlieta u disghin elf, seba’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tmien centezmi (€93,722.08) bhala kapital lilha misluf u avanzat, oltre l-ammont ta’ erbgha u ghoxrin elf u erba’ mija u erbgha u sebghin Dollaru Amerikan u hamsa u sebghin centezmu (USD24,474.75) ekwivalenti ghal hmistax-il elf hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u sitta u sittin centezmu (€15,529.66) bhala imghaxijiet pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati sal-presentata tar-rikors, u cioe` l-ekwivalenti ta’ dawn is-somom fil-munita Ewro.

A tenur tal-garanzija personali taghhom, tikkundanna lill-intimati konjugi Borg Barthet ***in solidum*** bejniethom u mas-socjeta` intimata li jhallsu sebghin elf Dollaru Amerikan (USD70,000) ekwivalenti ghal erbgha u erbghin elf, erba’ mija u sittax-il Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€44,416.24), u cioe` l-ekwivalenti ta’ dawn is-somom fil-munita Ewro.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------